**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 7 t'April 2018**

**Pulizija**

**Spettur Frank Anthony Tabone**

**Vs**

**Antoine Agius**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Antoine Agius, ta' 35 sena, iben David u Theresa nee' Muscat, imwieled Pieta', nhar is-16 ta' Frar 1983, residenti gewwa Solei, Triq Alexandra, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0124383(M);

Talli nhar is-7 t'April 2018 u matul il-granet ta' qabel u kif ukoll matul ix-xahar ta' Marzu 2018 gewwa dawn il-Gzejjer f'hinijiet differenti:

1) Naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D fid-digriet tieghu ta' nhar is-6 ta' Marzu 2018 li bih ta' l-helsien mill-arrest taht garanzija;

2) Talli sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta (Qorti tal-Appell Kriminali – Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D nhar it-12 ta' Mejju 2015), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra;

3) Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-Ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lil Antoine Agius u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-istess Antoine Agius, u dan ai termini ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex is-somma ta' elfejn euro (2,000) bhala depozitu u s-somma ta' ghaxart elef euro (10,000) bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta u dan ai termini ta' l-Artikolu 579(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fis-7 t'April 2018, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannah ghal erba' xhur prigunerija.

Tirrevoka d-digriet tal-helsien mill-arrest tas-6 ta' Marzu 2018 u  kif ukoll tastjeni milli tiehu provvediment dwar il-konfiska tad-depozitu u garanzija personali imsemmija fl-istess digriet.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**